# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 2001**

**Numru 1**

**Citaz. numru: 766/93 NA**

**Joseph Cini**

**vs**

**George Wells u Alex Galea bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Stainless Steel Product Limited**

**Il-Qorti,**

Illi b'citazzjoni prezentata fid-9 ta' Gunju, 1993, l-attur premetta li:-

Huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta;

Illi, konsegwenza ta' incident li sehh fl-10 ta' Lulju, 1992, huwa korra u sofra disabilita' ta' natura permanenti, kif ukoll danni ta' natura ta' *dannum emergens*.

Konsegwenza ta' tali incident huwa tilef id-dawl ta' ghajnu x-xellugija.

L-imsemmi incident sehh minhabba nuqqas ta' sigurta' bizejjed fuq il-post tax-xoghol u minhabba negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti.

Il-konvenuti nomine kienu nterpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzkjoni tad-danni izda inutilment.

TALAB lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghad-danni li sofra l-attur u dana minhabba negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti.

2. Tillikwida d-danni ta' natura ta' *lucrum cessans* u *dannum emergens* sofferti mill-attur.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti in subizzjoni.

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti nomine eccepew is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi l-esponenti nomine ma kienu b'ebda mod traskurati negligenti jew qatt hadmu minghajr tharis tar-regolamenti dwar il-protezzjoni tas-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol jew naqsu milli jaghtu s-sigurta' necessarja fuq il-post tax-xoghol.

2. Salvi eccezjonijiet ohra.

Illi b'digriet tat-8 ta' Novembru, 1993, gie nominat Dr. Ivan Gatt sabiex jisma' l-provi u jirrelata.

Illi b'digriet tal-24 ta' Jannar, 1995, gie nominat Dr. Mario Tabone bhala espert oftalmolgu.

Illi b'digriet tat-12 ta' Gunju, 1995, giet revokata n-nomina ta' Dr. Ivan Gatt u giet nominata Dr. Abigail Lofaro bl-istess inkarigu u fakultajiet.

Illi b'digriet tad-9 ta' Gunju, 1996, Dr. Abigail Lofaro giet sostitwita minn Dr. Nives Griscti bhala perit legali.

**RELAZZJONI TAL-PERIT LEGALI**

Illi l-perit legali ssottomettiet li l-incident mertu tal-kawza ma sehhx tort tal-konvenuti stante li rriteniet li huma bl-ebda mod ma kkontribwew ghall-korriment tal-attur.  Hija ghamlet riferenza ghall-Artikolu 1033 tal-Kap. 16 u stabbiliet li l-ewwel punt li ghandu jigi deciz huwa min mill-partijiet kien responsabbli unikament jew parzjalment f'dan il-kaz u jekk kienx hemm negligenza u traskuragni minn wiehed jew miz-zewg partijiet.

Illi l-perit legali rriteniet li mhux dejjem min ihaddem ghandu jkun esklussivament responsabbli ghall-agir negligenti jew traskurat tal-impjegati tieghu.  L-attur xehed li huwa kien jew tfixkel fil-'wires' li kienu mixhutin mal-art, jew fiz-zejt li skond ix-xhud Joseph Meilaq prodott mill-istes attur, kien jillikja min

xi magni fuq il-post tax-xoghol. Fir-rigward tal-'wires' li kien hemm mal-art, il-perit legali isostni li l-post tax-xoghol in kwistjoni huwa wiehed fejn ghadd ta' haddiema juzaw l-ghodda u l-makkinarju kontinwament f'xogholhom. Il-'welding set' in kwistjoni, apparti mill-attur, kien jintuza minn haddiema ohra, u dejjem skond il-perit legali, dawn kienu obbligati igerrbu l-'wires' fuq il-karru u dan peress li l-istess karru kien mahdum bil-facilita li l-'wires' tal-'welding' setghu jitgerbu mieghu.

Illi l-perit legali tghid ukoll li f'kaz li l-attur zelaq fiz-zejt ta' ma' l-art, huwa ma gab l-ebda prova fis-sens illi t-torn li fih kien mahzun is-'soluble oil' kien difettuz u kien jillikja z-zejt. Fil-kamp civili wiehed irid jipprova 'on a balance of probabilities' u dejjem skond il-perit legali, l-attur naqas milli jressaq provi li huwa kien vittma ta' traskuragni tal-konvenuti.

Illi l-perit legali tat importanza lil dak allegat mill-konvenut nomine GeorgeWells li sostna li l-attur ma kienx ikorri kieku ghadda mill-passagg liberu li jezisti biex tasal ghat-torn minflok mill-ispazju ristrett li ghazel li jghaddi minnu l-attur u li skond il-konvenut nomine huwa ntiz proprju sabiex wiehed jghaddi minnu.

## RAPPORT TAL-ESPERT MEDIKU

Illi fir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Tabone, gie stabbilit li l-attur ghandu debilita' permanenti ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

## NOTA TA' SOTTOMISSJONIJIET TAL-ATTUR

Illi l-attur ma qabilx mal-konkluzjonijiet tal-perit legali. Dwar il-fatti tal-kaz huwa ssottometta li x-xhieda ta' Joseph Meilaq, liema xhud gie prodott mill-attur, huwa haddiem tas-socjeta' konvenuta, u ra l-incident isehh. Dan ix-xhud ikkorrobora dak li qal ix-xhud dwar l-ambjent tax-xoghol. Huwa qal li l-'welding set' in kwistjoni huwa perikoluz u kien hemm incidenti ohra fejn weggghu haddiema, izda qatt ma ttiehdu 'precautionary measures'. Dwar dak allegat mill-konvenuti nomine fis-sens li l-attur messu ghadda mill-passagg liberu, l-attur irrileva li huwa bilfors kellu jmur wara l-magna ghaliex is-'switch' hemm kien. Huwa jigbed l-attenzjjoni tal-Qorti li l-konvenuti nomine (i) rrikonoxxew li d-distanza bejn it-torn u l-hajt hija ristretta u hemm spazju zghir, (ii) u li ma giex negat li kien hemm il-'wires' u z-zejt mal-art.

Illi l-attur isostni li l-mod kif il-perit legali ddisponiet mir-relazzjoni hija wahda sorprendenti ghall-ahhar. Skond hu, il-perit legali erronjement trattat din il-procedura bhala wahda 'ex delicti'. Din l-interpretazzjoni ta' dritt hija ormai sorpassata b'gurisprudenza recenti li irridiffinixxiet ir-responsabilitajiet reciproci bejn min ihaddem u l-impjegat. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-artikolu 993 tal-Kodici Civili li jghid hekk:-

> *"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede, jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita, bl-uzu jew bil-ligi".*

L-attur jghid ukoll li dan il-punt gie ben definit fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta tat-30 ta' April, 1997, fl-ismijiet 'Joseph Bugeja vs Anthony Falzon et pro et noe' (Citaz. Numru 664/81 NA) fejn intqal hekk:-

> *"Dan l-artikolu (993) fuq kwotat igib bhala wiehed mill-obbligi effett ta' dawn il-kuntratt l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet fuq ix-xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fl-ambjent tax-xoghol tieghu".*

Skond din is-sentenza, jkompli jghid l-attur, jidher car li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghall-incident u dan kuntrarjament ghal dak li qalet il-perit legali, li stabbiliet li l-obbligu li ma jkunx hemm 'wires' ghaddejjin u zejt mal-art kien jispetta lill-haddiema u mhux lill-'employer'. L-attur jistaqsi jekk il-kundizzjonijiet fuq ix-xoghol fil-kaz in dizamina kienux tali li jassikuraw is-sahha tieghu jew kienux konducenti biex huwa korra, u f'dan ir-rigward isemmi l-karru maghmul mill-istess kumpanija biex jitmexxa l-'welding' bih. Dan il-karru kellu zewg hadidiet imtellghin biex jitkebbeb il-'wire' mieghu, li kienu perikoluzi. L-attur inoltre kellu spazju limitat sabiex jimmanuvra u kien hemm hafna 'wires' ghaddejjin, liema 'wires' kienu necessarji minhabba l-apparat tal-elettriku li kien jintuza, u fl-ahhar net kien hemm ukoll iz-zejt mal-art. L-attur jiccita parti ohra mis-sentenza hawn fuq imsemmija fejn jinghad hekk:-

> *"B'konsegwenza …. ta' dan in-nuqqas huwa ferm sekondarju l-principju ta' grad ta' nuqqas jew ta' kontribut li seta' ta l-impjegat".*

Illi l-attur jghid ukoll li kuntrarjament ghal dak sottomess mill-perit legali, f'dawn it-tip ta' proceduri l-oneru tal-provi kwazi gie nvertit. Ma jispettax tant lill-attur li jipprova li grad ta' probabilita' li l-'employer' kien negligenti, imma jekk l-'employer' isostni li l-impjegat kien negligenti, allura l-oneru jaqa' fuqu u f'dan ir-rigward giet citata sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Dicembru, 1994, fl-ismijiet 'Emmauel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe ' (Citazzjoni Numru 274/88) fejn intqal:

> *"U dan biex jaghmel tajjjeb ghal din l-aljenazzjoni ta' attenzjoni prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura ta' l-attivita' industrijali".*

Illi ghar-rigward ta' kwantifikazzjoni l-attur jirriserva li jipprezenta nota ulterjuri stante li jippretendi li minhabba l-fatt li l-attur tilef id-dawl minn ghajn wahda, d-debilita' permenenti ghandha tkun aktar min hamsa u ghoxrin fil-mija (25%), izda fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2000, Dr. David Camilleri ghall-attur irrimetta ruhu ghar-rapport mediku.

Illi l-konvenuti nomine rrinunzjaw milli jipprezentaw nota risponsiva u fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 1999, irrimettew ruhhom ghar-rapport peritali.

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

### A. Dwar Responsabilita'

Illi l-attur kien ilu jahdem wiehed u ghoxrin (21) sena mas-socjeta' konvenuta bhala 'tool maker' u kien jahdem fuq il-magni tat-torn, 'grinding' etc… Fl-10 ta' Lulju, 1992, huwa kien qed jahdem fuq id-'drilling machine' u mar biex jimla' 'soluble oil' li kien jinsab fit-torn, liema torn kien imwahhal mal-art ma gemb il-hajt u fid-distanza ta' bejn il-magna u t-torn kien hemm 'welding set' fuq karru. L-attur mexa lejn il-'welding set' sabiex jimla' 'soluble oil' mit-torn u biex ghamel hekk ghadda mill-ispazju ta' bejn il-'welding set' u t-torn. Huwa tfixkel fil-'wires' jew zelaq fis-'soluble oil' li kien hemm mal-art, waqa' fuq il-karru u l-hadida tal-'welding set' dahlet f'ghajnejh. Din ix-xhieda tal-attur hija kkorroborata kwaza in toto mix-xhud Joseph Meilaq li huwa wkoll impjegat tas-socjeta' konvenuta u li ra l-incident isehh. Il-fatt li kien hemm 'wires' u zejt mal-art ma giex negat minn George Wells, u

cioe' il-konvenut nomine. L-unika difiza tal-konvenut tidher li hija biss li l-attur messu ghadda mill-passagg liberu sabiex igib is-'soluble oil' u mhux ghadda minn wara l-magna kif effettivament ghamel.

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-perit legali dwar l-attribuzzjoni tar-responsabilita' ghall-incident li fih korra l-attur (Art. 681 tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili). Mill-fatti hawn fuq esposti jirrizulta ampjament li l-konvenuti nomine naqsu mill-obbligi taghhom ta' 'employers' li jipprovdu 'a safe place of work' and 'a safe system of work'. Il-'wires' mal-art u z-zejt imxerred mal-art, specjalment f'ambjent fejn hemm makkinarju perikoluz bhala dak li korra bih l-attur, certament ma jikkostitwux 'a safe place of work'. Dwar is-sottomissjoni tal-konvenuti nomine li l-attur ikkontribwixxa ghall-incident billi ghadda minn wara l-magna minflok mill-passagg liberu, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tad-9 ta' Settembru, 1981, fl-ismijiet 'Borg vs Wells et nomine' fejn intqal:

"In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work, u dan tenut kont ta’ l-atmosfera

tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".

Illi l-gurisprudenza recenti tistabbilixxi inekwivokabilment li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem u f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet 'John Sultana vs Francis Spiteri et noe' (Qorti tal-Kummerc 28.5.79); 'Emmanuel Grech vs Carmelo ssive Charles Farrugia et noe' (Qorti ta’ l-Appell 7 ta' Dicembru 1994) u 'Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine' (Pim’Awla 12.2.99).

Illi fl-opinjoni tal-Qorti il-fatti kif esposti mill-attur u mix-xhieda minnu prodotti jindikaw li l-konvenuti nomine naqsu mill-obbligu taghhom li jipprovdu kundizzjonijiet fuq il-post tax-xoghol intizi biex jipprotegu s-sahha tal-haddiem. Huma kellhom jipprovdu sistema ta' supervizjoni fuq il-haddiema intiza sabiex jigu evitati incidenti bhal ma gara fil-kaz odjern. Kien id-dmir taghhom li jassikuraw li ma jkunx hemm 'wires' u zejt mal-art.

Illi l-Qorti ma jidrilhiex li l-attur b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident mertu tal-kawza specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-ispazju limitat li hu kien kostrett jopera fih u n-natura tax-xoghol li kien inkarigat jaghmel.

**B. <u>Likwidazzjoni tad-Danni</u>**

(i) LUCRUM CESSANS

Illi l-attur kellu sittin (60) sena meta sehh l-incident u skond ix-xhieda ta' Vincent Cutajar li huwa Senior Manager/ Administrator mas-socjeta' konvenuta, il-konvenut kien ilu jahdem mal-istess socjeta' konvenuta mis-27ta' Marzu, 1972, bhala 'tool maker' u l-impjieg tieghu gie terminat fl-10 ta' April, 1993, peress li kien ferut. Skond dan ix-xhud, l-attur kellu salarju ta' tnejn u sittin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm62.50) fil-gimgha u 'weekly shift allowance' ta' zewg liri u hamsin centezmu (Lm2.50) u 'weekly bonus' ta' sebgha liri u hamsin centezmu (Lm7.50) oltre dak koncess mill-Gvern. Fis-sena 1992 u cioe' is-sena tal-incident huwa qala' erbat elef, seba' mija u zewg liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm4702.78). Wara li tqis iz-zidiet minhabba l-gholi tal-hajja u inflazzjoni, din il-Qorti ser taddotta s-somma ta' hames telef

liri Maltin (Lm5,000) sabiex tiddetermina d-danni sofferti mill-attur bhala 'lucrum cessans'

Billi kif diga' inghad, meta sehh l-incident l-attur kellu sittin (60) sena, ser jigi addottat 'multiplier' ta' hames (5) snin u dan in linea ma' gurrisprudenza recenti u ai termini tal-Artilkolu 30 (2) tal-kap. 147 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond ic-certifikat rilaxxjat mill-espert mediku Dr. Mario Tabone u li jinsab a fol. 81 tal-process, huwa stabbilit li "The left eye is phthisic, i.e. it is shrunken, disorganised and dead, without any perception of light". L-espert mediku jghid ukoll li "The right eye is normal corrected to visual acuity 6/6", u "The percentage visual efficiency of the effected eye is added to the percentage visual effeiciency of the better eye multiplied by 3 and the product is divided by 4. In this case zero + 300 divided by 4 = 75. Therefore the industrial visual disability amounts to 25%. L-espert mediku ghalhekk addotta l-formula stabbilita mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza deciza fit-30 ta' Marzu, 1993, fl-ismijiet 'Joseph Abela vs Martin Spagnol' (Citaz. Numru 1098/89 JSP) u f' 'Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri' (Citaz. Numru 637/87 JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru, 1993. Din il-formula tigi addottata f'dawk il-kazijiet

fejn il-korrut ikun sofra debilita' f'ghajn wahda izda l-ghajn l-ohra tkun ghadha intatta.

Illi l-kalkolu li jrid isir sabiex jigu stabbiliti d-danni li l-attur sofra bhala 'lucrum cesans' huwa s-segwenti:

Lm5,000 x 5 x 25% = Lm6,250.

Illi peress li l-incident li fih korra l-attur sehh fl-10 ta' Lulju, 1992, u d-danni qed jigu likwidati kwazi disa' snin wara li sehh l-incident, il-Qorti m'hijiex ser tnaqqas l-ebda ammont bhala 'lump sum decuction' u dan in linea mas-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Ottubru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet 'Susan Davies et vs Anthony Galea' (Citaz. Numru 647/91).

(ii) Damnum Emergens

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-attur ma ressaq ebda prova dwar danni sofferti minnu ta' din in-natura.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghad-danni li sofra l-attur u dana minhabba negligenza, traskuragini u non osservanza tar-regolamenti da parti taghhom;

2. tillikwida d-danni ta' natura *lucrum cessans* sofferti mill-attur fl-ammont ta' sitt elef mitejn u hamsin lira Maltin (Lm6,250);

3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

U dana bl-ispejjes kollha ta' din il-kawza. L-imghax legali fuq is-somma likwidata ghandhom jiddekorru millum.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.